**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum it-Tlieta, sittax (16) ta' Lulju 2024

Kawża Nru 544/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Marlon Camilleri**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Marlon Camilleri**, detentur tal-karta tal-identita numru 23503(H), talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Ġunju 2023 ġewwa n-Nadur, Għawdex għall-ħabta tas-siegħa u nofs ta' wara nofsinhar (13:30hrs):

(1) ħebb kontra  Jacob Vella, mingħajr ma darbu;[1]

(2) talli fl-istess data, ċioe fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Ġunju 2023 u fil-ġimghat u x-xhur ta' qabel, ġewwa n-Nadur, Għawdex, u/ jew f' dawn il-Gżejjer b'mod li kien jaf jew imissu li kien jaf kien ta' fastidju lil Jacob Vella;[2]

(3) u aktar talli fl-istess ċirkustanzi ikkaġuna lil Jacob Vella biża' li se tintuża vjolenza kontrieh jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) meta kien jaf jew messu kien jaf li l-imġieba tiegħu kienet se tikkaġuna lill-vittma kull darba minn dawn l-okkazzjonijiet.[3]

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex f'każ ta' ħtija tipprovdi għas-sigurtà ta' Jacob Vella skont l-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

---

[1] Artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9
[2] Artikolu 251A(1)(b) tal-Kap. 9
[3] Artikolu 251B tal-Kap. 9

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar it-tnejn (2) ta' Lulju 2023, il-kwerelant Jacob Vella irrapporta fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex li Marlon Camilleri kien qed jagħtih fastidju peress li kien qed isegwieh bil-vettura tiegħu. Vella stqarr wkoll li waqt li huwa kien il-festa tan-Nadur, Marlon Camilleri kien avviċinah u tah daqqa ta' ponn lill-Pulizija. Jacob Vella speċifika wkoll li Marlon Camilleri qatt ma kellmu verbalment jew għamel kuntatt miegħu bil-mobile. Kien isegwi biss il-passi tiegħu. Il-kwerelant stqarr li ma kienx jaf għalfejn l-akkużat kien qed jagħmel hekk peress li t-tnejn qatt ma kellhom xi jgħidu ma' xulxin.

Marlon Camilleri kien mitlub sabiex huwa jmur l-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex sabiex jagħti l-verżjoni tiegħu. Marlon Camilleri caħad li huwa kien qed isegwi lil Jacob Vella. Ċaħad wkoll li huwa kien kellmu fuq il-mobile jew fuq il-mezzi soċjali. Rigward id-daqqa ta' ponn li Vella semma' li Camilleri kien tah, Camilleri għażel li ma jgħid xejn.

Ikkunsidrat:

- **<u>It-Tieni u t-Tielet Akkuża – Artikolu 251A u 251B tal-Kap. 9</u>**

Jibda biex jingħad li element fundamentali u komuni għall-sejbien ta' ħtija fir-rigward tar-reati ipotizzati fl-artikolu 251A u 251B huwa li jrid jkun hemm *"a course of conduct"* da parti tal-akkużat. Dan hu deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma "imġieba" f'dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet legali.

Fi kliem Archbold: "*Two incidents can constitute a 'course of conduct' but the fewer the incidents and the greater their separation in time, the less likely it is that they should be described as 'a course of conduct'*."[4]

Fl-edizzjoni tal-2012 tal-Blackstone's Criminal Practice jingħad li: *"Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and 'it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual instances of conduct."*

Fuq l-istess tema fl-edizzjoni tal-2008 tal-Blackstone Criminal Practice ġie spjegat li:

> "*How separate the two occasions must be, remains to be seen. The nature of stalking, the*

[4] (Lau v DPP (2000) 1 F.L.R. 799 DC)

*activity which primarily created the need for the new offences, might mean that the occasions are likely to be on separate days, although it may be possible to differentiate activities on one day where they can be viewed as not being continuous. The further apart the incidents, the less likely it is that they will be regarded as a course of conduct…It was recognised, however that circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct'. The type of incidents would be those intended to occur on an annual event such as a religious festival or a birthday…"*

B'riferenza partikolari għat-tielet akkuża issir riferenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Raymond Parnis**,[5] fejn il-Qorti ikkummentat li r-*ratio legis* tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 251B imur oltre sempliċement theddida jew it-twettieq ta' fatt li jwassal lil xi ħadd biex iħossu mhedded. Il-Qorti għamlitha ċara li irid ikun hemm regolarita b'fatti diversi, fuq perijodu ta' żmien u r-reat mhux intiż għall-okkażżjoni waħda jew għal akkuża li tirrisali għall-inċident partikolari iżda għall-okkażżjonijiet li fihom iseħħ *"course of conduct"* li jwassal biex persuna tibża' kif imfisser fl-istess artikolu.

[5] Deċiża fit-18 ta' Ġunju 2009 per l-Onor. Imħallef Dr Joe Galea Debono.

Għalkemm il-parte civile kemm fir-rapport tiegħu u anke fix-xhieda li huwa ta quddiem din il-Qorti jirreferi għall-fatt li huwa laqqat daqqa ta' ponn mill-akkużat u kien anke qiegħed jiġi insegwit minnu bil-vettura, id-diċitura tal-akkuża kif formulata qed teskludi l-insegwimenti bil-vettura. Infatti l-Prosekuzzjoni qed takkuża lill-akkużat **biss** b'dak li ġara f'ġurnata partikolari: *"Billi inti akkużat talli nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' ĠUnju 2023 ġewwa n-Nadur, Għawdex".* L-insegwimenti bil-vettura ma sarux fil-ġurnata tad-disgħa u għoxrin (29) ta' Ġunju 2023; l-uniku incident li seħħ dakinhar kien biss id-daqqa ta' ponn li l-kwerelant jgħid li laqqat mingħand Marlon Camilleri. Il-kwerelant ma jindika li ġara xejn aktar f'dik il-ġurnata partikolari. Għalhekk il-Qorti anke li kieku jirriżultaha li l-insegwimenti bil-vettura kienu jammontaw għall-"course of conduct" rikjest għall-fini tal-artikoli 251A u 251B, xorta ma tistax tasal biex issib ħtija għal dawn iż-żewġ akkużi minħabba li kif inhi formulata l-istess akkuża din hija ċirkonskritta għall-ġurnata waħda li matulha ġara biss incident wieħed. Dan ġie anke konfermat mill-Uffiċjal Prosekutur waqt is-sottomissjonijiet tiegħu. Għalhekk żgur li ma tistax tinstab ħtija fl-akkużat għat-tieni u t-tielet akkuża u għalhekk il-Qorti sejra tilliberah minnhom.

- **L-Ewwel Akkuża – Artikolu 339(1)(d)**

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Joseph Pace**,[6] il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet spjegat li:

[6] Deċiża fid-9 ta' Mejju 1997

*"Din il-kontravvenzjoni kontra l-persuna sseħħ meta persuna tħebb kontra persuna oħra sabiex tinġurja, iddejjaq jew tagħmel ħsara lil dik il-persuna l-oħra jew lil ħaddiehor, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi disposizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali. Biex persuna tħebb kontra persuna oħra ma hemmx għalfejn li effettivament ikun hemm kuntatt fiżiku; biżżejjed li jkun hemm il-potenzjalita` ta' tali kuntatt permezz tal-manifestazzjoni ta' forza fizika indirizzata lejn dik il-persuna oħra. Forsi t-test Ingliz ta' din il-kontravvenzjoni jiddeskrivi aħjar il-kunċett ta' 'ħebb': '… attempts to use force against any person with intent to insult, annoy or hurt such person or others …' Jekk ikun hemm kuntatt fiżiku multo magis wieħed jista' jgħid li wieħed ħebb għal persuna oħra, sakemm il-fatt ma jammontax għal xi reat ieħor jew reat aktar gravi"*[7]

Issir riferenza wkoll għas-sentenza fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Omissis*** fejn ġie enfasizzat illi:

[7] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Caven Cutajar** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Settembru 2020 kif wkoll **Il-Pulizija vs David Farrugia** deċiża wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Jannar 2022.

> *"Sabiex din l-akkuża tirriżulta ma hemmx bżonn li l-akkużat jikkaġuna feriti iżda anke s-sempliċi attentat ta' kaġunar ta' ferita jammontaw ghal dan ir-reat."*[8]

Huwa minnu li in sostenn tal-ewwel akkuża, il-Prosekuzzjoni ressqet biss lill-kwerelant bħala xhud. Il-fatt li l-Prosekuzzjoni ipproduċiet xhud wieħed biss ma jfissirx li dan għandu *a priori* jwassal għal-liberazzjoni tal-akkużat għaliex il-Prosekuzzjoni bil-produzzjoni ta' xhud wieħed biss jiġi li ma laħqitx il-grad tal-prova rikjest għall-sejbien ta' ħtija fi proċeduri kriminali. L-artikolu 638(2) tal-Kap 9 jagħmilha ċara li *"ix-xhieda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar."*

Il-Qorti eżaminat ix-xhieda tal-kwerelant: huwa spjega kif kien għall-affari tiegħu għall-marċ ta' filgħodu tal-festa tan-Nadur u l-akkużat mingħajr ma ġie provokat qabad u ta daqqa ta' ponn lill-istess kwerelant. Dan jidher li sar għal xejn b'xejn. Il-kwerelant għaraf l-istess akkużat bħala l-persuna li tah id-daqqa.

Dak li verament seħħ jkompli jiġi konfermat mill-istess kwerelant meta huwa jgħid li oriġinarjament ma kienx sejjer jagħmel rapport iżda meta

---

[8] Ara wkoll **Il-Pulizija vs Lawrence Gerada**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, nhar is-16 ta' April 2021; **Il-Pulizija vs Harold Gerada**, deċiża mill-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali nhar is-16 ta' April 2021.

xi ġranet wara kien qiegħed mal-familja tiegħu għall-ikel u dawn semmewlu li l-akkużat kien ta daqqa lil xi ħadd, il-kwerelant kien indika li kien hu li laqqat id-daqqa. Il-kwerelant jgħid li huma kienu bagħtuh jagħmel ir-rapport dak il-ħin stess. Infatti r-rapport sar fit-tnejn (2) ta' Lulju 2023 qrib il-ħin ta' nofsinhar. Punt ieħor li jkompli jsaħħaħ il-veraċita ta' dak li qal il-kwerelant huwa l-fatt li fl-istqarrija li l-akkużat ta lill-Pulizija wara li kienu ingħatawlu d-drittijiet tiegħu huwa ċaħad li kien segwa lill-kwerelant hekk kif rappurtat minnu. Meta imbagħad ġie mistoqsi dwar id-daqqa ta' ponn li l-kwerelant kien irrapporta fuqha lill-Pulizija, l-akkużat ma ċaħadx kif għamel meta ġie rinfaċċjat b'dak li kien irrapporta l-kwerelant li huwa kien qed isegwih. L-akkużat jagħżel li ma jikkummenta xejn. Jekk verament l-akkużat ma kellu x'jaqsam xejn mad-daqqa ta' ponn, il-Qorti tistaqsi għaliex ma ċaħadx kif għamel aktar qabel. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti għalhekk m'għandha l-ebda raġuni biex tiddubita li dak li qal il-kwerelant huwa minnu.

In linea mal-pronunċjamenti tal-Qrati ikkwotati hawn fuq, la darba kien hemm kuntatt fiżiku bejn iż-żewġ partijiet ad istanza tal-istess akkużat – l-akkużat ta daqqa ta' ponn lill-kwerelant – il-kontravvenzjoni kontemplata fl-artikolu 339(1)(d) tirriżulta. Mill-provi miġjuba ma jidhirx li ġew kaġunati feriti fuq il-persuna tal-kwerelant. Infatti kif jixhed l-istess kwerelant huwa la kellu tbenġil u lanqas ma esebixxa xi ċertifikati mediċi li jindikaw li huwa soffra xi ġrieħi. Allura l-fatt li seħħ ma jammontax għal reat aktar gravi.

- **Decide**

Għaldaqstant għal dawn il-motivi l-Qorti:

(a) **mhux qed issib lill-akkużat ħati** tat-tieni u t-tielet akkuża u qiegħda tilliberah minnhom;

(b) wara li rat l-artikolu 339(1)(d) tal-Kap. 9 **qed issib lill-akkużat ħati** tal-ewwel (1) akkuża u qed tikkundannah għall-ħlas ta' ammenda ta' tmienja u ħamsin ewro (€ 58).

Finalment il-Qorti wara li rat l-artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex tipprovdi għas-sigurta ta' Jacob Vella kif ukoll sabiex jinżamm il-bon ordni pubbliku qiegħda torbot lill-ħati taħt obbligazzjoni tiegħu innifsu għal perjodu ta' sena u dan taħt penali ta' ħames mitt ewro (€ 500).

**Dr. Jean Paul Grech**

**Maġistrat**

**Joseph Grech**

**Deputat Registratur**